MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 264/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Cauchi talli fl-10 ta' Lulju 2008 u/jew fix-xhur ta' qabel meta hekk ordnat mill-Qorti ta' l-Appell skond digriet Nru 595/03 RCP datat l-1 ta' Dicembru 2006 naqas milli jaghti lil martu Emanuela Cauchi u lil ibnu Ronald Cauchi ta' 16-il sena l-manteniment dovut lilhom skond l-imsemmi digriet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Settembru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmelo

Cauchi hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmelo Cauchi pprezentat fis-26 ta' Settembru, 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tibdel, tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha in kwantu l-piena li giet inflitta u minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern, u tikkonfermaha mill-bqija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li huwa ghandu fedina penali relattivament tajba ghall-piena li fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi umanitarji tieghu.

In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. F'dan il-kaz il-piena hi bla dubju ta' xejn entro l-parametri tal-ligi peress illi l-piena massima hi ta' xahrejn detenzjoni.

Issa, kwantu ghall-fedina penali tieghu dak li jirrizulta lil din il-Qorti minn ezami tal-fedina penali aggornata tieghu huwa proprju l-kuntrarju peress illi jirrizulta illi l-appellant instab hati ta' diversi reati minn dawn il-Qrati mill-anqas tlieta u ghoxrin darba. Fost dawn ir-reati nsibu ksur ta' l-istess disposizzjoni tal-ligi, cioe` li naqas li jhallas il-manteneiment dovut skond l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, erbatax-il darba.

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

L-appellant jirreferi ghall-fatt li huwa ammetta mill-ewwel meta deher quddiem l-ewwel Qorti. Izda, bhalma qalet din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard** moghtija fis-26 ta' Mejju 2004[2]:

**"Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."**

L-appellant jghid ukoll illi hemm proceduri pendenti ghas-sospensjoni u varjazzjoni tal-manteniment. Izda, bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Camilleri** deciz fit-18 ta' Settembru 2002:

**"… sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond'Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn 1-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma' tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti, minflok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruhha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi tal-Prim'Awla u tal-Qorti tal-Appell u digrieti**

[2] Ara wkoll, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **The Republic v. Ahmed Ben Taher**, 6 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika v. Mohamed Mohamed Abusetta**, 4 ta' Dicembru 2003; **Il-Pulizija v. Emmanuele Magro**, 2 ta' Gunju 2004

**tas-Sekond'Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha."**

Sallum ma jidhirx li l-pozizzjoni nbidlet u ghalhekk hu dovut il-manteniment kif originarjament iddekretat.

L-appellant jghid ukoll illi quddiem l-ewwel Qorti talab ftit taz-zmien iehor biex ikun jista' jaghmel l-arrangamenti mehtiega u jhallas l-arretrati, izda dik il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza. Minn dakinhar pero`, kif stqarr id-difensur ta' l-appellant *seduta stante*, dawn l-arrangamenti ma rnexxewx. Ghalhekk mhuwiex il-kaz li din il-Qorti takkordalu aktar zmien.

Peress illi ma jidhirx li l-appellant huwa propens li jissalda l-ammont minnu dovut – u li gie ndikat minn martu *seduta stante* li sallum jlehhaq  tmint elef euro (€8,000) – din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tvarja b'xi mod is-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------